**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Paul Abela**

Illum 11 ta' Gunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Abela, ta' 56 sena, iben il-mejjet Carmelo u l-mejta Helen xebba Agius, imwieled Rabat, Malta, fil-11 ta' Frar 1956 u residenti 33 Galea Flats, Flat 1 Triq Mons. Ray Buhagiar, Rabat Malta, detentur ta' karta tal-identita' 113056(M).

U nakkuzah talli b'diversi atti, anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozzjoni tal-ligi, f'dawn il-Gzejjer:

1. Nakkuzak talli gewwa Had Dingli nhar l-1 ta' Marzu 2012, minn gol fond 86, Triq il-Kbira Dingli, ghal habta ta' 13:00 ta' wara nofs inhar, ikkommettejt serq ta' flus kontanti ta' amont 2,000 ewro u kif ukoll ammont mhux maghruf ta' deheb flus liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Carmela Farrugia detentrici ta' karta tal-identita 270533M;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi il-€116.47 fuq bieb ta' residenza ghad-dannu ta' Carmela Farrugia detentrici ta' karta tal-identita' 270533M;

4. U talli fl-istess data, lok, cirkostanzi u hin minn go residenza 90, Triq il-Kbira, Dingli, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' teighu u dan ghad-dannu ta' Peter Paul Zammit detentur tal-karta tal-identita 798459M;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi il-€116.47 fuq bieb ta' residenza ghad-dannu ta' Peter Paul Zammit detentur ta' karta tal-identita' 798459M;

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Krminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati (recte:Qrati) Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha l-imputat intbaghat sabiex il-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti u li huwa ddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk deciz.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat (i) b'serq minn residenza nru 86, Triq il-Kbira, Had-Dingli liema reat twettaq fl-1 ta' Marzu 2012 ghall-habta tas-1p.m., liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€2329.34, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok; (ii) b'ricettazzjoni; (iii) hsara volontarja li teccedi l-€116.47; (iv) b'attentat ta' serq fl-istess gurnata u hin minn residenza nru 90, Triq il-Kbira, Dingli; (v) hsara volontarja li teccedi l-€116.47; (vi) addebitat b'recedivita' fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Mill-provi prodotti jirrizulta[1] li fl-1 ta' Marzu 2012 il-pulizija rceviet telefonata ghall-habta tas-12.40pm fejn persuna anonima nfurmat li waqt li kienet fuq ix-xarabank u kienet ghaddejja minn quddiem ir-residenza numru 90 innutat tlett persuni maskili fejn wiehed minnhom nizel minn vettura tal-ghamla vann lewn griz b'tinda kbira u dahal gewwa l-imsemmi post waqt li t-tnejn l-ohra baqghu fil-vettura u telqu u l-persuna li dahlet gewwa ma kinitx sid il-post. Pc1021 irrikorra fil-post imsemmi u sab il-bieb ta' barra tar-residenza nru 90 ghadu ntatt u meta habbat mal-bieb hadd ma wiegeb.

PS1095 Conrad Debattista[2] xehed li wara li giet ricevuta telefonata anonima li kien hemm xi persuni mhux maghrufa li dahlu f'residenza nru 90, Triq il-Kbira, Dingli huwa baghat lil PC 1021 fuq il-post li pero' sab il-bieb intatt. Sussegwentement dahlet telefonata ohra fl-4.30pm minghand Carmela Farrugia li tghix fid-dar nru 86 fl-istess triq u li nfurmat li kif irritornat id-dar sabet il-bieb taghha miftuh u xi affarijiet misruqa. Is-Surgent mar fuq il-post u kif wasal fir-residenza mar fejn in-nru 90 u kif mar jiccekkja l-bieb, kif missu infetah u kellu xi marki ta' llivar. Ir-residenza kienet vojta. Huwa seta' jikkonstata li l-hallelin dahlu ghar-residenza nru 86 minn gewwa l-bitha tar-residenza nru 90 billi kien hemm gebla u mejda u siggu biex jiffacilitaw l-iskalar. Fir-residenza nru 90 ma ttiehed xejn. Izda mir-residenza nru 86 insterqu elfejn euro fi flus kontanti u ammont ta' deheb li jammontaw ghal madwar hamest elef euro. Is-Surgent kompla bl-istharrig u baghat lil PC 1021 fejn kelmitu persuna li tatu d-

[1] Pirs Report ezebit a fol 37 tal-process
[2] Seduta tat-18 ta' Lulju 2012

deskrizzjoni ta' zewg persuni li hija rat fuq il-bejt tar-residenza nru 90 izda li x'hin rawha telqu. Bhala eta' qalet li kienu bejn it-30 u 40 u wiehed minnhom kien liebes beritta u kien ta' karnagjon samra. Imbaghad din il-persuna sabet lis-surgent u qaltlu li persuna li kienet rat fuq il-bejt hija kienet gharfitu u taf min hu. Hija qaltlu li kienet kellmet lil zewgha u mill-hwejjeg li kien liebes dakinhar zewgha qalilha li kien rah bihom u indikatlu lill-imputat bil-laqam b'kollox. Kien ir-ragel li qalilha l-isem. B'hekk huwa informa lill-Ispettur Cordina.

Meta xehed quddiem din il-Qorti PC1021 Christian Cauchi[3] xehed li huwa rcieva telefonata mis-surgent tieghu 1195 fejn infurmah li fir-residenza nru 90, Triq il-Kbira, Had-Dingli kien hemm xi persuni mhux maghrufa li dahlu gor-residenza. Meta mar fuq il-post il-bieb kien maghluq. Habbat u ma fetah hadd u pprova jikkuntattja lil sid il-post izda ghalxejn. Imbaghad ghall-habta tal-4.30p.m ircieva telefonata ohra minghand is-surgent fejn infurmah li fil-bieb nru 86 fl-istess triq f'Had-Dingli kienet twettqet serqa fejn insterqu flus u deheb. Meta l-kuntistabbli mar fuq il-post innota li l-bieb tar-residenza nru 90 li jigi magenb ir-residenza nru 86 kien miftuh dak il-hin filwaqt li meta kien mar fis-siegha kien maghluq. Huwa jispjega li fir-residenza nru 86 kellmu lis-sinjura Carmela Farrugia li qaltilhom li bejn id-disa' u l-erba' kienet barra u seta' jinnota t-taqlib li kien hemm. Kif dahal fir-residenza nru 90 fil-giardina gie nnutat mejda u siggu fejn il-persuni mhux maghrufa setghu jifficalitaw l-iskalar biex jaqbzu minn residenza ghal ohra. Huwa kompla li l-ghada rega' mar fl-inhawi biex jistaqsi lil girien kienux raw xi haga u fost ohrajn kellem lil certu Rita Tanti li qaltlu li bejn nofsinhar u s-siegha nnutat minn fuq il-bejt taghha xi persuni li kellhoa eta' bejn it-30 u 40 sena u kif rawha telqu minnufih.

Jirrizulta mill-atti li kienet ukoll infethet inkjesta magisterjali fejn gew nominati diversi esperti.

L-Ispettur Carlos Cordina[4] xehed li gie infurmat b'mod kunfidenzjali li kien l-imputat li kien involut f'zewg serqiet li twettqu fl-1 ta' Marzu 2011. Kien gie indikat lilu bhala Paul Abela maghrufa bhala 'Fjakk'. B'hekk huwa talab minghand Magistrat mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tieghu. Meta gie ezegwit il-mandat ta' arrest ittiehdet

[3] Seduta tas-6 ta' Marzu 2013
[4] Seduta tas-6 ta' Gunju 2012

stqarrija lill-imputat li cahad ghal kollox l-involviment tieghu. L-Ispettur imbaghad talab mill-Magistrat tal-Ghassa li ssir ID Parade li fil-fatt saret fil-presenza tal-istess Magistrat u kien hemm persuna li gharfet lill-imputat bhala l-persuna li kienet rat fil-fond dakinhar tas-serqa.

Rita Tanti xehdet[5] li hija kienet qeghda tonxor u rat persuna mhux tas-soltu fuq il-bejt fejn saret is-serqa li jigi fuq wara tad-dar taghha. Dan ir-ragel kien qieghed jittawwal ghal gol-gnien tad-dar li tmiss fejn saret is-serqa. Lil dan ir-ragel hija qatt ma kienet ratu qabel. Saret taf min huwa wara meta qalet kif inhi l-istatura tieghu li huwa ragel b'zaqqu kbira u jidher li ghandu madwar hamsin sena. Kien liebes qmis checked. Jidhrilha li kellu xaghar izda ma kinitx certa jekk kellux beritta. Hija ghaddiet din l-informazzjoni lill-Ghassa tar-Rabat. Hija kkonfermat li marret id-depot fejn gharfet lil dan ir-ragel mill-istatura u hija gharfitu darbtejn u dan taht gurament. Ix-xhud pero' m'gharfitx lil dan ir-ragel li rreferiet ghalih bhala l-imputat fl-Awla. Hija qalet li ma setghetx *"Ghax peress li kien hemm 'il boghod difficli biex tghid ezatt"*. Ix-xhud kompliet li ghalkemm hija ndikat lill-imputat meta kienet id-depot hija wiegbet testwalment: *"Iva, pero' mill-mod kif kien liebes ehe, certu qaghda ehe, gharaft lilu, imma wiccu dejjem ghidt li mhinix hundred per cent, kien hemm 'il boghod biex nghid ezatt u jiena ma kontx qeghda ghassa tieghu."* Hija spjegat li waslet ghal isem u kunjom l-imputat ghaliex kienet qeghda titkellem ma' haddiehor u minn kif spjegat ruhha qalulha li kienet qed tghid ghall-imputat.

In kontro-ezami hija wiegbet li waqt il-line-up fid-depot hija indikat lill-imputat billi fakkarha fil-persuna li rat fuq il-bejt izda mill-wicc ma kinitx certa mija fil-mija. Hija ndikatu mill-istatura u qaghda.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' Peter Paul Zammit[6] u ta' Carmelo Farrugia[7] kif ukoll mir-rapport tal-espert Vincent Ciliberti irrizulta ppruvat li fil-gurnata tal-1 ta' Marzu 2012 twettqet serqa fir-residenza nru 86, Triq il-Kbira, Had-Dingli u li kien hemm sgass fir-residenza nru 90, Triq il-Kbira, Had-Dingli u dan billi din il-proprjeta' intuzat biex ikun hemm access

[5] 6 ta' Marzu 2013
[6] Seduta tat-18 ta' Lulju 2012
[7] Seduta tat-18 ta' Lulju 2012

ghar-residenza l-ohra. Irrizulta wkoll li kien hemm ukoll hsara volontarja fiz-zewg proprjetajiet.

Mix-xhieda ta' PS659 Jeffrey Hughes[8] li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti jirrizulta li ghalkemm kien ezamina zewg dokumenti ghall-impronti digitali li gew elevate minn fuq ix-xena tad-delitt, biss pero' dawn ma kienux tajbin ai fini ta' komparazzjoni.

Ghalhekk il-provi li b'xi mod jippuntaw lejn l-imputat bhala l-bniedem li wettaq is-serqa u l-attentat ta' serqa hija l-identifikazzjoni li saret minn Rita Tanti. L-abbli difensur tal-imputat sahqet hafna dwar il-mod ta' kif gie indikat u identifikat l-imputat bhala l-persuna li wettaq ir-reati li bihom jinsab addebitati. Ta' rilevanza kbira hija s-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet:

- Fl-1 ta' Marzu 2012 twettqet serqa u attentat ta' serqa minn zewg residenzi fi Triq il-Kbira, Had-Dingli.
- Fil-PIRS report u anki fir-rapport li sar sabiex tinfetah l-Inkjesta Magisterjali gie indikat li certu Rita Tanti li kienet giet mitkellma mill-Pulizija qalet li bejn nofsinhar u s-siegha ta' wara nofsinhar tal-istess gurnata hija rat zewg persuni fuq il-bejt tar-residenza nru 90 li kif indunaw li rathom telqu. Hija spjegat li dawn iz-zewg persuni dehru li kellhom l-eta' ta' bejn it-30 u l-40 sena u wiehed minnhom kien liebes beritta u kien ta' karnagjon samra[9].
- Fit-30 ta' April 2012 jinhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat[10].
- L-Ispettur Carlos Cordina xehed li damu zmien ma setghu jsibu lill-imputat ghaliex kien qieghed johrog kmieni hafna u kienu jmorru fir-residenza u ma jiftah hadd.
- Fl-10 ta' Mejju 2012 il-mandat ta' arrest gie ezegwit fejn PC 327 Shaun Pace xehed[11] li ghall-habta tas-6.30a.m habbtu l-bieb tar-residenza, fethet mart l-imputat u gie infurmat li kien taht arrest.
- Fil-11 ta' Mejju 2012 saret l-ID Parade fid-depot fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti. Mill-process verbal jirrizulta li giet krejata line-up konsistenti f'disa' min-nies li nghataw numru u l-istess line up gie fotografat. Gie vverbalizzat is-segwenti:

---

[8] Seduta tas-17 ta' April 2013
[9] Dok CC1 a fol 37 u fol 10 tal-process verbal
[10] A fol 11 tal-process
[11] Seduta tas-6 ta' Gunju 2012

- Rita Tanti indikat lill-persuna bin-numru 1 (li kien Paul Abela) li **probabbilment** kien il-persuna li kienet rat dakinhar tal-incident izda pero' ma kinitx mija fil-mija certa. Hija kkonfermat dan bil-gurament u indikat li gharfitu mill-istatura bhala wisgha, kellu z-zaqq u anke mill-qaghda tal-id. Dan il-lineup sar fid-9.56am.
- Fl-10.04am saret lineup ohra fejn l-imputat inghata n-numru 8 u Rita Tanti indikat lill-imputat u f'dan l-istadju kienet aktar certa li kienet il-persuna li rat dakinhar tal-incident. Hija kkonfermat dan bil-gurament u qalet ukoll li ma gharfet lil had aktar li probabbilment kien seta' kien fuq il-post dakinhar.

- Il-Magistrat Inkwirenti dakinhar tal-11 ta' Mejju 2012 semghet ukoll ix-xhieda ta' Rita Tanti fejn hija xehdet li rat zewgt irgiel, wiehed avvanzat fiz-zmien u l-iehor kemmxejn sewwa izghar. Rat lil dak li huwa avvanzat li mar biex jittawwal mic-cinta ghal isfel ghal gol-giardina ta' fejn toqghod xiha. Hija ma ratilhomx xi ghodda. Hija spjegat li wiehed minn dawn l-irgiel kellu zaqqu kbira u x'hin pogga jdejh kien jidher goff u kellu l-iskufja. X'hin harset taha tibriqa kerha. Il-qmis kienet checked hamra blu minn dawk tal-franella. L-iehor kien ta' eta' madwar 30 sena. Kien ismar bin-nokkli u kellu beritta u kien irqiq u zghir.

- L-imputat tressaq taht arrest fil-11 ta' Mejju 2012.

- Meta xehdet viva voce fis-6 ta' Marzu 2013, liema xhieda giet riportata aktar 'il fuq, Rita Tanti ma gharfitx lill-imputat fl-Awla.

Illi dwar l-identifikazzjoni din il-Qorti se taghmel refernza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[12] fejn il-Qorti trattat dan il-punt b'mod dettaljat hafna:

*"Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Massimo Caruso****, deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fejn il- Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Zammit*** *deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li:*

[12] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Mejju 2016

*"Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid* ***x'mhux mehtieg*** *u mhux* ***x'inhu mehtieg"****. Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*
*"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

*Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:*

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal- Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:*

*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …' (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);*

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza* ***Sharrett vs. Gill*** *(1993) 65 A Crim R. 44:*

*'… I am unaware of any authority in this country or elsewhere… that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

*Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta'* ***Turnbull*** *(1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:*

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as*

*to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? … Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".*

*Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar*** *moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja identification parade". Hija qalet:*

*"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza '**Il-Pulizija vs. Leading Steward Victor Dalmas**' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu` o meno ta' l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom'; M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ in **R. vs Parks** ((1961) I.W.L.R. 1484) 'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice' u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha in re **Il-Maesta` Taghha r-Regina vs. Joseph Hallet** moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il- Qorti tirrikonoxxi r-riskji li*

*ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati miscarriages of justice'".*

*Illi jkun utili wkoll li l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Paul Michael Kavanagh*** *deciza fit-22 ta' Novembru 2012, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"Filwaqt li din il-Qorti tifhem illi l-ewwel Qorti messha uzat kliem ahjar biex tiddeskrivi l-hsieb taghha, tapprezza ukoll illi l-ewwel Qorti forsi kellha xi diffikulta biex toqghod fuq l-identifikazzjoni illi taw il-persuni aggrediti biex torbot din l-identifikazzjoni mal-imputat. Huwa veru illi d-deskrizzjoni illi giet moghtija taqbel perfettament ma' dik tal-appellat u cioe illi l-agressur kellu karnagjon cara, xaghru kien ta' lewn car ukoll, ghajnejh cari, irqiq u twil. Dawn il-hames karatteritici japplikaw perfettament ghall-appellat, pero mhux necessarjament ghalih biss, u zgur illi hemm nies ohra f'dawn il-Gzejjer illi jaqghu taht din id-deskrizzjoni, u din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti illi tasal biex tikkonkludi minghajr dubbju dettat mir-raguni illi dawn id-deskrizzjonijiet bilfors jirriflettu ghall-appellat u ghal hadd aktar. Ghalhekk bhala provi indizjarji ma jwasslux ghall-konkluzjoni wahda u kwindi ma tistax torbot fuqhom sabiex iwasslu ghal dak il-grad ta' prova rikjest mil-ligi. Ghalhekk din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni li kellha l-ewwel Qorti meta giet biex tabbina lill-appellat mas-serqa proprja tal-hanut"."*

Din il-Qorti trid taghmilha cara mill-ewwel u d'altronde' lanqas ma gie sottomess mod iehor mid-difiza, li l-identification parade saret b'mod kif kellha ssir u fil-fatt jigi rilevat li l-Magistrat Inkwirenti qaghdet ferm attenta dwar dak li rrappurtat fil-process verbal meta gie indikat x'kien l-ezitu ta' tali identification parade. Din il-Qorti meta tanalizza l-provi riportati tqis li ma tistax tasal ghal konkluzjoni minghajr dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat il-persuna li wettaq ir-reati addebitati lilu. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet li se jigu hawn taht riportati:

- *A tempo vergine* Rita Tanti qalet li rat zewg persuni fuq il-bejt tar-residenza nru 90 li dehru li kellhom l-eta' ta' bejn it-30 u l-40 sena u wiehed minnhom kien liebes beritta u kien ta' karnagjon samra.

Ghalhekk dakinhar ma kienet specifikat lil hadd partikolari u anzi d-deskrizzjoni li tat kienet wahda pjuttost generika.

- Fl-identification parade, li saret aktar minn xahrejn wara li kienu twettqu r-reati, fejn il-lineup sar darbtejn f'temp ta' ftit minuti, gie vverbalizzat u indikat fil-process verbal li PS36 Sergio Azzopardi ffotografa l-lineup. Tali ritratti ma gewx ezebiti f'dawn il-proceduri.
- Rita Tanti fl-ewwel lineup indikat lill-imputat bhala l-persuna li probbabilment rat dakinhar tal-incident izda ma kinitx mija fil-mija u hija indikatu minhabba l-istatura bhala wisgha, iz-zaqq u anke mill-qaghda tal-id.
- Fit-tieni lineup, Rita Tanti gharfet lill-imputat fis-sens li qalet li kienet aktar certa li kien il-persuna li rat dakinhar.
- Fl-istess gurnata Rita Tanti xehdet bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti u ddeskriviet lil-persuni li rat fuq il-bejt kemxejn differenti minn dak li kienet iddeskriviet originarjament. Hija qalet li z-zewgt irgiel wiehed kien avvanzat fl-eta' kellu zaqqu kbira u kien goff u kellu beritta. L-iehor kien samrani, maghmul irqiq u zghir u kellu madwar 30 sena.
- Meta Rita Tanti xehdet viva voce, sena wara l-akkadut, tat id-deskrizzjoni simili li tat lill-Magistrat Inkwirenti. Biss pero' meta mistoqsija dwar l-identification parade hija b'mod emfatiku twiegeb: Hija qalet li ma setghetx *"Ghax peress li kien hemm 'il boghod difficli biex tghid ezatt"*. Ix-xhud kompliet li ghalkemm hija ndikat lill-imputat meta kienet id-depot hija wiegbet testwalment: *"Iva, pero' mill-mod kif kien liebes ehe, certu qaghda ehe, gharaft lilu, imma wiccu dejjem ghidt li mhinix hundred per cent, kien hemm 'il boghod biex nghid ezatt u jiena ma kontx qeghda ghassa tieghu."*
- Ghalhekk filwaqt li l-istatura li Rita Tanti ddeskriviet taqbel ma' dik tal-imputat odjern, biss pero' tista' taqbel ukoll ma' persuni ohra. Tenut kont li ma tressqu l-ebda provi ohra diretti jew cirkostanzjali li jippuntaw lejn l-imputat, din il-Qorti ma tqisx li tista' ssib htija.
- Punt iehor ta' rilevanza hija x-xhieda tas-surgent Debattista li addirittura xehed li Rita Tanti kienet sabitu u qaltlu li wara li kellmet lil zewgha u spjeagtlu x'kien liebes ir-ragel li rat fuq il-bejt zewgha qalilha min kien ghax rah bil-hwejjeg. Zewg Rita Tanti ma ttellax bhala xhud.
- L-Ispettur Carlos Cordina xehed li kienet persuna li xtaqet tibqa' anonima li semmietlu lill-imputat b'ismu, kunjomu u bil-laqam. Tali persuna baqghet anonima tant li ma tatx ix-xhieda taghha jew

tieghu f'dawn il-proceduri. Id-difiza wkoll issoffermat dwar dan il-punt tal-informazzjoni anonima. Hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grech et**[13] fejn gie ritenut li:

*"Il-Prosekuzzjoni taghmel referenza ghall-informazzjoni kunfidenzjali li rceviet fir-rigward tal-imputati Grech u Briffa li kienu nvoluti f'dan il-kaz. Il-Qorti tinnota li fis-sentenza li kienet qed titratta eccezzjonijiet preliminari in segwitu ta' Att ta' Akkuza, liema sentenza ggib l-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs David Zerafa*** *u li giet moghtija fis-6 ta' Gunju 2011, il-Qorti Kriminali, meta kienet qed titratta ma' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' ta' kull referenza li saret minn certu xhieda tal-Prosekuzzjoni ghall-informazzjoni anonima li dahlet lill-Pulizija dwar l-involviment tal-persuna akkuzat fir-reati lilu addebitati, sahqet is-segwenti:*

*'Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni qed tirreferi ghall-hearsay rule. Huwa dmir tal-Qorti li tfiehem lill-gurati li dak li jixhdu l-membri tal-Pulizija Esekuttiva jrid ikun ippruvat permezz ta' xhieda li semghu jew raw. Ghalhekk hija u tindirizza lill-gurati trid tigbed l-attenzjoni tal-gurati li informazzjoni anonima m'ghandha ebda valur probatorju. B'dan il-mod tkun rizolta t-tieni eccezzjoni li qajmet id-difiza'.*

Stabilit dan, din il-Qorti wkoll tqis li anki kieku rrizulta li kien l-imputat li kien wiehed mill-irgiel li kien fuq il-bejt tar-residenza li rat Rita Tanti, xorta wahda kien ikun hemm diffikulta' kbira li tinstab htija. Dan billi minn dak fuq espost, irrizulta li l-ewwel telefonata dahlet fl-ghassa ghall-habta ta' 12.40p.m. Il-Kuntistabbli mar fuq il-post ghall-habta tas-siegha u sab il-bieb tar-residenza nru 90 minn fejn allura l-malvivent/i acceda ghar-residenza numru 86 kien intatt. Il-kuntistabbli xehed li anki habbat. Rita Tanti tghid li rat lill-irgiel bejn 12pm u s-1p.m. Mir-ritratti mehuda mill-espert tal-Qorti jidher li l-bieb tar-residenza nru 90 gie llivat u meta l-pulizija marru fuq il-post sabu da nil-bieb miftuh. Kwindi ladarba l-hin fic-citazzjoni gie indikat ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar u gie stabilit li s-serqa sehhet semmai wara s-1p.m. u sal-4.00p.m kienet twettqet.

L-imputat gie akkuzat ukoll b'ricettazzjoni izda tali imputazzjoni bl-ebda mod ma ngabu provi dwarha.

---

[13] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Ottubru, 2016

Inkwantu ghar-reati ta' hsara volontarja dawn ukoll ma rrizultawx billi tali reat twettaq bhala mezz ai fini tar-reat ta' serq u ladarba l-imputat mhux qieghed jinstab hati ta' serq lanqas mhu se jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

L-addebitu tar-recidiva huwa konsegwenzjali ghall-imputazzjonijiet li jippreceduh u kwindi jsegwi li l-imputat ma ghandux jinstab hati ta' tali addebitu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputati hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**